## Qorti tal-Appell Kriminali

## Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Seduta tal-21 ta' Jannar 2016

Appell Nru: 379/2014

**Il-Pulizja**

**(Spettur Maria Stella Attard)**

**Vs**

**Melanie Schembri**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti Melanie Schembri detentrici tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 512685M akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar id-9 ta' Jannar, 2014 ghall-habta ta' 16:00hrs fi Triq l-Imdina, Hal Qormi: 1)Ghamlet uzu minn vettura Nru. LS54VLB minghajr ma kellha licenzja mahruga mill-Awtorita' ghat-Traspor ta' Malta biex tintuza fit-triq; 2) Ghamlet uzu minn vettura Nru. LS54VLB minghajr ma kellha pjaci tan-numri tar-registrazzjoni mahruga mill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta; 3) Bhala persuna li mportat jew gabet f'Malta vettura bil-mutur uzata, cioe' vettura tal-marka Peugeto Partner bin-numru ta' registrazzjoni LS54VLB, naqset li fi zmien ghoxrin jum minn meta l-imsemmija vettura tkun waslet Malta, tipprezenta applikazzjoni u tipprovdi d-dokumenti kollha rilevanti lill-Aworitat ghat-Trasport f'Malta

ghar-registrazjoni tal-imsemmija vettura kif mitlub bil-ligi; u 4) Saqet l-imsemmija vettura Nru. LS54VLB minghajr ma kienet qed taghmel uzu mis-Seat Belt.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-7 ta' Ottubru, 2014, li permezz taghha il-Qorti wara li rat il-ligi, senjatament artikolu 6(2), 32(7), LS. 368.02, l-artikolu 3. LS 65.12, kif ukoll l-art 4 u 21(b) tal-Kapitolu 368, sabet lill-akkuzata hatja tal-akkuzi kollha u mmultaqta multa komplessiva ta' elf ewro (€1000).

Rat ir-rikors ta' appell ta' Melanie Schembri, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-13 ta' Ottubru, 2014, li permezz tieghu talbet lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabitha hatja li saqet minghajr ma kellha seat belt u tirrevokaha ghal kumplament u hekk tadegwa l-piena limitatament ghal sewqan minghajr seat belt state l-liberazzjoni fuq l-akkuza tan-nuqqas ta' registrazzzjoni tal-vettura fi zmien moghti mil-ligi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat:

Illi fid-9 ta' Jannar 2014 ufficcjal il-pulizija waqqaf lill-appellanta waqt li kienet qed issuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni barranija minghjar ma kienet liebsa c-cinturin ta' sigurta'. Mitluba turi d-dokumenti tal-vettura u tispjega ghaliex kienet qed issuq dik il-vettura, l-istess ufficjal fehem illi l-

vettura kienet ilha importata f'Malta minn Awissu tas-sena ta' qabel u ghalhekk ma kienitx in regola kwantu dik l-istess vettura. L-Ewwel Qorti sabet htija fl-appellanta meta kkonkludiet illi *jirrizulta ben pruvat illi l-vettura giet impurtata f'Awissu 2013 kif imsemmi mill-akkuza kemm mill-Pulizija kif ukoll fil-Qorti"*. Issa, l-appell odjern huwa motivat fuq zewg aggravji, igifieri dik tal-interpretazzjoni hazina tar-regolament in mertu kif ukoll li ma tresqitx il-prova certa da parti ta' Trasport Malta meta il-vettura fil-fatt ddahlet Malta;

Illi l-prova principali fil-kwisjtoni hawn devoluta hija x-xhieda tal-pulizija li waqqaf lill-appellanta. Minn l-affidavit tieghu jemergi illi huwa kien waqqaf lill-appellanta fid-9 ta' Jannar 2014 u ikkonkluda li l-vettura kienet ilha Malta minn Awissu 2013 skond kif infurmatu l-istess appellanta u mill-polza ta' assikurazzjoni murija lilu mill-appellanta. Mark Attard xehed illi huwa ghandu negozju ta' *panel beater* u *sprayer* u fl-istess waqt jimporta f'Malta *spare parts* uzati u ghal dan il-ghan ghandu vettura registrata l-Ingilterra, dik in kwistjoni li fil-guranta tal-akkuza kien ghadu kemm nizel biha Malta, ossia nizzilha mghobbija fuq truck, u appena hatt il-konsenja talab lill-appellanta dakinhar stess ssuqaha lura lejn l-istess vapur li waslet fuqu dirett lejn Genoa sabiex terga titla' lura lejn l-Ingilterra. Hu seta nizel biha mghobbija ukoll izda minhabba ragunijiet ekonomici, huwa aktar konvenjenti li l-vettura tigi Malta mghobbija fuq truck tieghu stess u titla' lura misjuqa. Sabiex jevita kull inkonvenjent din il-vettura ghandha polza ta' assikurazzjoni wahda ghall-uzu taghha l-Ingilterra u wahda separata ghall-uzu f'Malta;

L-Avviz Legali 198 tal-2009 maghmul taht il-Kapitolu 368 tal-ligijiet ta' Malta fir-regolament 6 subinciz 2 tieghu jobbliga lill-kull persuna li timporta vettura f'Malta li tipprezenta applikazzjoni u tipprovdi dokumenti ghar-registrazzjoni taghha u dan fi zmien 30 jum mill-wasla f'Malta ta' dik il-vettura. Fir-regolament 2, "importata f'Malta" tfisser "id-dhul f'Malta ta' vettura bil-mutur minn pajjiz terz". L-ezenzjoni msemmija mill-appellanta ex

artikolu 18(3) tal-Kapitolu 368 ma hi ta' ebda konfort ghaliha ghaliex din ma tapplikax b'mod awtormatiku favur kull min huwa hekk intitolat u hija ezenzjoni li tista' tinghata kemm il-darba utent ta' vettura barranija jaghmel applikazzjoni mal-awtorita'. Ghalhekk kien jispetta lill-appellanta turi meta l-vettura in kwistjoni fil-fatt kienet impurtata f'Malta. Anke jekk din kienet ilha hawn ftit sieghat, id-dokumenti tal-importazzjoni, jew f'dan il-kaz il-*cargo manifest* kellu juri bic-car id-data tal-wasla tal-vettura. L-appellanta setghet taghmel dan quddiem l-Ewwel Qorti izda jidher illi ma haditx din l-opportunita'. Il-prosekuzzjoni imbaghad staqsiet lill-Mark Attard in kontro-ezami is-segwenti domanda u bit-twegiba taghha kellha tezonora lill-istess appellanta: *Din il-vettura in kwistjoni meta giet hawn Malta? Ghandek id-data?*. Izda x-xhud wiegeb illi d-data, riferibilment ghad-dokumenti, tinsab ghand l-appellanta izda insietha warajha. Din il-Qorti ma tistghax tifhem kif l-appellanta kellha kull opportunita' turi lill-Ewwel Qorti li l-vettura ma kienitx ilha hawn Malta aktar minn gurnata u regghet tilfet din l-opportunita' quddiem din il-Qorti meta l-oneru tal-prova kien jinsab fuqha u mhux fuq Trasport Malta kif targomenta l-istess appellanta. Ghalhekk l-Ewwel Qorti kienet korretta fil-konkluzzjoni taghha.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed ikun michud u s-sentenza appellata qed tkun konfermata fl-intier taghha.

(ft) Giovanni M. Grixti LL.M LL.D

Imħallef

Alexia Attard

Deputat Reġistratur